**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar Hamis, 19 ta' April 2001.**

**Numru**

**Att ta' akkuza Numru 2/95**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**John Polidano, Vincent sive Censu Spiteri, Christopher Agius u Silvio sive Saviour Pace**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell interpost mill-akkuzat Vincent sive Censu Spiteri kontra sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fit-22 ta' Settembru 1999, fl-atti ta' din il-kawza liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti :

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-akkuzat John Polidano datata 4 ta'Dicembru, 1995, li tghid hekk :

*"Jeccepixxi n-nullita' ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza li gie prezentat mill-Avukat Generali permezz ta' Nota tas-16 ta'Novembru, 1995, u dan peress illi:*

1. *Il-prezentata mill-gdid ta'dan l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza ma saretx skond kif tiddisponi l-ligi ;*
2. *Illi dan il-Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza huwa null fih innifsu peress li l-fatti migjuba f'dan il-Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ma jikkostitwux fis-sustanza r-reat deskritt f'dan il-kap."*

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-akkuzat Vincent sive Censu Spiteri datata 14 ta'Dicembru, 1995, li tghid hekk :

*" 1. Jeccepixxi n-nullita' tal-prezentata ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-*
*Akkuza li saret mill-Avukat Generali permezz ta'Nota tas-16*

*ta'Novembru, 1995, u li giet prezentata fil-Qorti Kriminali, stante li l-atti kollha tal-kawza kienu dak iz-zmien, kif ghadhom sal-lum (14 ta'Dicembru, 1995), quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minhabba appell prezentat mis-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fis-16 ta'Novembru, 1995;*

2. *Jeccepixxi sussidjarjament in-nullita' ta' l-istess Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza stante li dan gie prezentat barra t-terminu preskritt fl-Artikolu 432 tal-Kodici Kriminali ;*
3. *Jeccepixxi ukoll sussidjarjament in-nullita' ta' l-istess Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza stante li dan gie prezentat bi ksur tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 434 tal-Kodici Kriminali u dan sija minhabba li ma gietx imharsa l-procedura hemm kontemplata u sija ghaliex ma ngabu ebda 'provi godda' kif definiti f'dak l-Artikolu ;*
4. *Jeccepixxi ukoll sussidjarjament in-nullita' ta' l-istess Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ai termini ta' l-Artikolu 449 (d) tal-Kodici Kriminali stante li l-Qorti Kriminali b'sentenza moghtija fis-16 ta'Novembru, 1995, gja' iggudikat li "mill-fatti esposti.............l-esplozjoni li allegatament sehhet ma kienetx intenzjonata minn ebda wiehed mill-akkuzati," u kwindi gja' la darba din is-sentenza ma gietx appellata mill-Avukat Generali, l-akkuzati kollha ma jistghux jerghhu jigu akkuzati bl-istess reat ;*
5. *Jeccepixxi ukoll sussidjarjament in-nullita' ta' l-istess Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ghaliex dan sar bi ksur ta' l-Artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali peress li r-reat dedott fl-Att ta' l-Akkuza ma jistghax johrog mill-kumpilazzjoni li saret."*

Rat l-Att ta'Akkuza numru 2/1995.

Rat is-sentenza taghha moghtija fis-16 ta'Novembru, 1995, li biha laqghet eccezzjoni sollevata mill-akkuzati Spiteri u Agius (illum mejjet), billi ddikjarat null fil-konfront taghhom l-Ewwel Kap ta' l-Att ta'l-Akkuza kif originarjament prezentat mill-Avukat Generali fis-7 ta'Marzu, 1995, u 'ex officio' iddikjarat dak l-istess Kap null ukoll fil-konfront taz-zewg akkuzati l-ohra, cioe' Polidano u Pace, dan dejjem fuq eccezzjoni

sollevata mill-akkuzati Spiteri u Agius fejn eccipew in-nullita' ta' dak l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza stante li l-fatti migjuba f'dak il-Kap ma kienux jikkostitwixxu, fis-sostanza, ir-reat deskritt fl-imsemmi Kap.

Rat ukoll l-ordni moghtija minnha fl-imsemmija sentenza fejn, b'riferenza ghal dan l-Ewwel Kap originali ta' l-Att ta' l-Akkuza, dikjarat null, din il-Qorti rremettiet lill-erba akkuzati fl-istat li fih kienu qabel il-prezentata ta' l-imsemmi Kap ta' l-Akkuza, u ordnat li ghar-rigward it-tlett Kapi l-ohra fl-Att ta' l-Akkuza, it-trattazzjoni taghhom tigi differita 'sine die', riappuntabbli malli jigi prezentat mill-gdid l-Ewwel Kap, jew malli tigi prezentata kwalunkwe talba rigwardanti l-Att ta' l-Akkuza.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi in segwitu ghall-fuq imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, l-Avukat Generali, dik in-nhar stess tas-sentenza, cioe', fis-16 ta'Novembru, 1995, ta' avviz ta'appell minnha, kif ghamlu ukoll l-erba akkuzati.

Illi dik in-nhar stess ukoll, fis-16 ta'Novembru, 1995, l-Avukat Generali, b'nota tieghu pprezenta mill-gdid quddiem din il-Qorti l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u dan, skond hu, in ottemperanza mas-sentenza moghtija dik in-nhar stess, ghall-liema l-Ewwel Kap gdid l-akkuzati Polidano u Spiteri ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fl-4 u fl-14 ta'Dicembru, 1995, rispettivament, meritu ta' din il-kwistjoni odjerna. Ghandu jinghad mal-ewwel hawnhekk li skond il-ligi l-akkuzat jista' jitlob li Att ta' Akkuza, jew xi Kap minn dak l-Att ta'Akkuza, jigi dikjarat null minhabba xi zball jew difett, u anke l-istess Qorti tista' "ex officio" tqanqal din il-kwistjoni tan-nullita' ta' dak l-Att. L-unika kondizzjoni li timponi l-ligi hija dik li "<u>ebda haga m'ghandha tizdied fl-Att ta' l-Akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat, u l-kriterju principali, jekk mhux l-uniku, li a bazi tieghu ghandu jigi stabbilit jekk reat isirx aktar gravi bil-korrezzjoni f'Att ta'Akkuza, jew il-bdil tieghu, jew f'xi Kap minn tieghu, hija l-piena kif stabbilita mill-ligi</u>."

Illi ghalhekk, dak li ser tikkunsidra l-ewwel din il-Qorti huma l-eccezzjonijiet li z-zewg eccipjenti Polidano u Spiteri ssollevaw issa wara l-prezentata mill-gdid ta' l-imsemmi l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, cioe', l-eccezzjoni ta'Polidano <u>numerata tnejn (2)</u> fin-Nota tieghu u dik <u>numerata hamsa (5)</u> fin-Nota ta'Spiteri.

Dawn l-eccezzjonijiet taghhom huma bazati (1) fuq l-allegazzjoni li l-fatt migjub f'dan l-Ewwel Kap gdid ma jikkostitwiex, fis-sustanza, ir-reat deskritt fl-imsemmi Kap, u (2) li r-reat dedott f'dan il-Kap gdid ma johrogx mill-kumpilazzjoni li saret. Dawn l-eccezzjonijiet huma bazati fuq l-Artikoli 589 (c) u 435 (1) tal-Kodici Kriminali, rispettivament.

L-Artikolu 589 (c) tal-Kap. 9 jirrikjedi li l-Att ta'l-Akkuza ghandu *"<u>ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat</u>.........<u>flimkien mac-cirkostanzi kollha li skond il-ligi u fil-fehma ta' l-Avukat Generali jistghu ikabbru jew inaqqsu l-piena</u>."*

Ir-reat dedott f'dan il-Kap gdid hu dak kontemplat fl-Artikolu 311 tal-Kodici Kriminali li jghid hekk : *"Kull min, dolozament, b'sustanza esplossiva, jaghmel esplozjoni li tista' tqieghed f'perikolu l-hajja ta'haddiehor jew taghmel hsara gravi lill-hwejjeg haddiehor, eccetera...."*

Issa din l-eccezzjoni, sollevata mill-akkuzat Polidano, a bazi ta' l-Artikolu 589 (c) tal-Kodici Kriminali, li hija l-istess eccezzjoni sollevata meta kien ghad hemm l-Ewwel Kap originali, illum hija sorpassata, ghaliex din il-Qorti kienet gja' laqghata, u anke adottata 'ex officio' fil-konfront ta' l-akkuzati li ma kienux issolevawha, tant li kienet a bazi tad-decizjoni ta' din il-Qorti li l-Avukat Generali pprezenta mill-gdid dan l-Ewwel Kap, propju biex jiddeskrivi ahjar il-fatti li, skond hu, taw lok ghall-akkuza taht l-Artikolu 311 tal-Kap. 9. Id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta'Novembru, 1995, kienet weriet bic-car u spjegat ghaliex il-Qorti kienet taqbel ma' dik l-eccezzjoni u kien propju a bazi ta' dik l-argumentazzjoni ta' din il-Qorti li l-Avukat Generali pprezenta l-Ewwel Kap mill-gdid, wara li dak originali gie dikjarat null. Mid-dicitura ta' dan l-Ewwel Kap gdid, certament il-Qorti issa tara li l-Avukat Generali segwa bis-shih dak li qalghet il-Qorti fis-sentenza taghha imsemmija f'dan ir-rigward, u, filwaqt li zamm l-istess dicitura fil-parti akkuzatorja ta' dak l-Ewwel Kap gdid bhal ma kien f'dak originali, iddeskriva f'aktar dettal u aktar car il-fatt fil-parti espositiva tal-Kap gdid sabiex tassew gab il-fatt, in sostanza, jikkostitwixxi r-reat taht l-Artikolu 311 tal-Kap 9. Ghalhekk, din it-tieni (2) eccezzjoni ta' l-akkuzat Polidano ma treggiex u qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni ta' l-akkuzat Spiteri, dik numerata 5 fin-Nota tieghu, fejn jghid li l-Ewwel Kap gdid huwa null ghaliex, skond hu, ir-reat hemm dedott ma jistghax johrog mill-kumpilazzjoni li saret, dan l-akkuzat hawnhekk qed jibbaza l-argument tieghu fuq dak li hemm dispost fl-Artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali, li jghid hekk :
*" L-Avukat Generali jista' jigbor u jgib provi ohra ma' dawk li jkunu ngiebu fil-kumpilazzjoni : Izda, ma jista' jiddahhal fl-Att ta'Akkuza ebda reat li l-akkuza tieghu ma tkunx tista' tohrog mill-kumpilazzjoni li tkun saret."*

L-akkuzat Spiteri, f'din il-hames eccezzjoni tieghu, qed jippretendi li dan l-ewwel Kap gdid huwa null propju minhabba dan il-proviso fuq imsemmi ta' dan l-Artikolu 435 (1) tal-Kap. 9.

Kif gja' intqal, b'dan l-Ewwel Kap gdid, kif ukoll b'dak originali dikjarat null, l-akkuzati qed jigu mixlija bir-reat kontemplat taht l-Artikolu 311 tal-Kap.9. Jekk wiehed jara l-imputazzjonijiet kif originarjament migjuba mill-Pulizija Esekuttiva fil-bidu ta' l-Istruttorja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) relattiva ghal dan il-kaz, jara li ghar-rigward ir-reat taht l-Artikolu msemmi, l-akkuzati kollha kienu effettivament hemmhekk gew mixlija b'dan l-istess reat, tant li hija propju l-ewwel imputazzjoni dedotta fir-rapport guramentat tal-Ufficcjal Prosekutur f'dawk il-proceduri Istruttorji.

L-abbli difensur ta' l-akkuzat Spiteri, fit-trattazzjoni tieghu, fisser li biex jista' jinghad li akkuza ta'reat tkun "tista' tohrog mill-kumpilazzjoni", fis-sens tal-proviso imsemmi fl-Artikolu 435 (1) tal-Kap. 9, iridu jirrizultaw mill-attijiet tal-kumpilazzjoni provi jew fatti bizzejjed biex jissosstanzjaw dik l-akkuza. Hu spjega li mill-attijiet tal-kumpilazzjoni ma hemm xejn f'dan il-kaz prezenti li a bazi tieghu wiehed jista' jghid li l-akkuza fl-Ewwel Kap gdid fil-konfront ta' l-akkuzat Spiteri tista' tohrog minn dik il-kumpilazzjoni. Il-Qorti, pero', ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu msemmi.

Bhal ma dejjem gie ritenut, kostantement u diversi drabi, meta l-ligi fl-imsemmi Artikolu tghid li ma jistghax jiddahhal fl-Att ta'l-Akkuza "ebda reat li l-akkuza tieghu ma tkunx tista' tohrog mill-kumpilazzjoni li tkun saret", il-ligi hawn qed tghid semplicement li l-Att ta' l-Akkuza ma jistghax ikun fih akkuza ta'reat li dwaru ma tkunx saret kumpilazzjoni skond l-Artikolu 389 et seq tal-Kodici Kriminali. Il-kumpilazzjoni ssir fir-rigward ta'reati li jkunu ta'kompetenza ta' din il-Qorti Kriminali, kif ukoll fir-rigward ta'reati li ghalkemm ma jkunux ta'kompetenza ta' din il-Qorti, jingiebu fir-rapport guramentat ta' l-Ufficcjal Prosekutur (Artikolu 390 {1} tal-Kodici Kriminali) flimkien ma' reat jew reati li jkunu ta' kompetenza tal-Qorti Superjuri. Dan johrog car mill-qari flimkien ta' l-Artikoli 403 (1), 435, 436 (4), u 591 tal-Kodici Kriminali. Il-kelma operativa hawnhekk hi reat u mhux akkuza. Dan jidher car ukoll mis-subinciz (2) ta' l-imsemmi Artikolu 435 tal-Kap. 9, cioe', li jghid, *"meta l-Avukat Generali jsir jaf b'reat iehor li ma jkunx imdahhal fil-kumpilazzjoni, hu jibghat l-atti lura lill-Qorti Istruttorja biex dik tipprocedi fil-konfront ta'dak ir-reat."* Ukoll is-subinciz (3) ta' l-istess Artikolu 435 ikompli jghid li f'kaz li r-reat gdid li jkun skopra jkun *"separat u ddiverenzjat ghal kollox mir-reat jew reati imdahhlin fil-kumpilazzjoni,"* allura trid issir kumpilazzjoni gdida.

Fil-kaz odjern, saret kumpilazzjoni dwar diversi reati, fosthom dawk kontemplati fl-Artikoli 311, 312, 316 u 317 tal-Kodici Kriminali. Ma jistghax jinghad, ghalhekk, li l-Avukat Generali dahhal f'dan l-Ewwel Kap gdid xi reat li l-akkuza tieghu ma tistghax tohrog, jew li ma hargetx, mill-kumpilazzjoni. Li hu importanti hu li dak ir-reat li hemm fl-Att ta' l-Akkuza, anke jekk hu f'dan l-Ewwel Kap il-gdid, hu r-reat li jkun ingieb fir-rapport guramentat ta' l-Ufficcjal Prosekutur fil-bidu tal-kumpilazzjoni, kif fil-fatt hemm f'dan il-kaz.

Dan l-aggravju ta' l-akkuzat Spiteri li bih qed jikkontendi li l-kelma kumpilazzjoni fl-Artikolu 435 tal-Kap. 9 ghandha tinghata tifsira normali f'sens ampju u li, ghalhekk, apparti r-rapport guramentat ta' l-Ufficcjal Prosekutur fil-bidu tal-kumpilazzjoni, ghandha tinkludi ukoll xhieda, provi, u dokumenti ohra li fl-assjem taghhom jaghmlu kumpilazzjoni shiha u skond il-ligi, fil-fatt xejn ma hu argument konformi mal-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati ghal dak li hu rikjest bis-subinciz (1) ta' dan l-Artikolu 435. Infatti, kemm din il-Qorti, kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kellhom diversi okkazzjonijiet jirrilevaw f'sentenzi taghhom, u kif dejjem gie ritenut, li ghall-fini ta' dan l-Artikolu msemmi, huwa bizzejjed jekk ir-reat in kwistjoni jkun jiffigura

jew jemergi **<u>mqarr</u>** mir-rapport guramentat ta' l-Ufficcjal Prosekutur li jakkompanja l-prezentata quddiem il-Qorti Istruttorja. Fil-kaz in dizamina, l-ewwel imputazzjoni fir-rapport guramentat ta' l-Ufficcjal Prosekutur fl-Istruttorja tikkontempla r-reat taht l-Artikolu 311 tal-Kap. 9, kif fil-fatt jaghmel ukoll l-Ewwel Kap gdid ta' l-Att ta' l-Akkuza, u kif kien qed jaghmel anke l-Ewwel Kap dikjarat null. Il-kumplament, cioe', dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tigi rizervata lil min ghandu finalment jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati. <u>Ghalhekk, dak li qed jissottometti l-akkuzat Spiteri fil-hames (5) eccezzjoni tieghu mhux korrett u dik l-eccezzjoni qed tigi respinta</u>.

Il-Qorti issa ser titratta <u>l-ewwel eccezzjoni ta' l-akkuzat Spiteri</u> . Hawnhekk dan l-akkuzat qed jghid li l-Avukat Generali qatt ma setgha jipprezenta l-Ewwel Kap gdid ta' l-Att ta' l-Akkuza quddiem din il-Qorti fis-16 ta'Novembru, 1995, stante li f'dak iz-zmien l-atti kollha ta'dawn il-proceduri kienu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, pendenti appell ta' l-akkuzati kollha mis-sentenza tas-16 ta'Novembru, 1995.

Ghandu jinghad mal-ewwel li kull Att ta' Akkuza, jew anke Kap ta'Att ta'Akkuza li jkun gdid jew li jkun biss korrettorju, skond il-ligi, fizikament jista' jigi prezentat biss quddiem din il-Qorti, u l-ebda Qorti ohra. Dwar dan ma hemm l-ebda dubju, kif jirrizulta (1) mill-Artikoli rilevanti taht it-Titolu V, Taqsima II, Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, liema Artikoli jittrattaw dwar l-Att ta' l-Akkuza, kif ukoll (2) mill-Artikoli 436, et seq, tal-Kap. 9 li jirregolaw il-proceduri li jsegwu l-prezentata quddiem din il-Qorti ta' kull Att ta'Akkuza u dan ai termini tat-Titolu IV, Taqsima I, Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta fuq din il-Qorti Kriminali. Ma hemm l-ebda dubju li mill-qari flimkien ta' dawn l-Artikoli kollha, il-prezentata ta'Att ta'Akkuza, kif ukoll ta'Kap ta'Att ta'Akkuza li ghal kull buon fini jista' jitqies bhala Att ta'Akkuza fih innifsu, tista' issir biss fir-registru ta'din il-Qorti. Ghalhekk, anke jekk, <u>ghall-grazzja ta' l-argument biss</u>, l-eccipjent Spiteri ghandu ragun jghid li, bhala fatt, l-atti fis-16 ta'Novembru, 1995, kienu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, xorta ma jbiddel xejn mill-posizzjoni legali dwar il-prezentata ta'kull Att ta'Akkuza, jew ta' xi Kap gdid jew korrettorju li jifforma parti minn dik l-Att ta'Akkuza. Il-posizzjoni legali hija li l-Avukat Generali ma setgha jipprezenta dan il-Kap gdid fl-ebda Qorti ohra, jekk mhux din il-Qorti. Ghalhekk, ghal dik li hija l-prezentata ta' dan l-Ewwel Kap gdid quddiem din il-Qorti, l-Avukat Generali ssodisfa pjenament dak li trid il-ligi, cioe', li Att ta'Akkuza jigi prezentat biss quddiem din il-Qorti. Il-fatt li hemm jew ma hemmx xi appell pendenti u li l-atti kollha setghu kienu quddiem Qorti ohra, bla ebda mod ma jwaqqaf lill-Avukat Generali milli jipprezenta Kap gdid jew emendat, quddiem din il-Qorti, u li jkun konness ma'dawk l-istess atti li jinzertaw quddiem xi Qorti ohra. L-Avukat Generali m'ghandux xelta fejn jipprezenta l-Att ta' l-Akkuza. Hija l-ligi li timponi fuqu l-obbligu li jipprezentah biss quddiem din il-Qorti, u dan hu hekk sabiex tkun din l-istess Qorti li wara tara li jibdew il-proceduri li jsegwu dik il-prezentata u li jigu osservati sabiex fl-ahhar jibda jinstemgha il-guri u jintemm bla waqfien. L-ebda Qorti ohra,

lanqas dik ta' l-Appell, ma hija moghtija xi setgha li tigi prezentata quddiemha xi Att ta' Akkuza u lanqas ma hija moghtija jew mghobbija b'xi doveri bhal dawk li l-ligi timponi fuq din il-Qorti in segwitu ghall-prezentata ta'Att ta'Akkuza.

Ghalhekk, il-fatt li l-Avukat Generali, fil-kaz in ezami, ipprezenta l-Ewwel Kap mill-gdid fis-16 ta'Novembru, 1995, quddiem din il-Qorti, anke jekk l-atti setghu kienu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, bla ebda mod ma jfisser li dak il-Kap gdid huwa null, jew li l-prezentata tieghu quddiem din il-Qorti hija nulla.

Pero, dan l-eccipjent huwa skorrett mhux biss legalment fuq din is-sottomissjoni tieghu, izda huwa ukoll manifestament zbaljat fuq il-fatti ukoll. Hu veru li kien hemm is-sentenza ta' din il-Qorti fis-16 ta'Novembru, 1995 li annullat l-Ewwel Kap kif kien redatt originarjament. Hu veru ukoll li immedjatament wara il-qari ta' dik id-decizjoni, l-akkuzati kollha, kif ukoll anke l-istess Avukat Generali, taw l-avviz taghhom li kien bi hsiebhom jappellaw minn dik is-sentenza. Hu veru ukoll li l-Avukat Generali, b'nota tieghu ta' l-istess jum tas-sentenza, cioe' is-16 ta'Novembru, 1995, ippresenta mill-gdid l-Ewwel Kap biex jissostitwixxi dak li kien appena gie dikjarat null. Mela gja' la darba dan kollu sar fl-istess jum tas-16 ta'Novembru, 1995, id-data tas-sentenza ta'din il-Qorti, b'mod li it-terminu ta' l-appell kien ghadu beda jiddekorri u kien ghadu ghaddej, allura, fil-fatt, l-atti, fizikament, fis-16 ta'Novembru, 1995, kienu ghadhom quddiem din il-Qorti u ma kienux ghadhom gew rimessi lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dan ghaliex, ghalkemm kien hemm l-avviz ta'appell ta' l-akkuzati u ta' l-Avukat Generali, sal-mument meta l-Avukat Generali pprezenta dan l-Ewwel Kap il-gdid, hadd ma kien ghadu pprezenta r-rikors ta' l-appell tieghu. Dan ghalhekk necessarjament ifisser li il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kienetx ghada bdiet tiehu konjizzjoni ta' xi appell mis-sentenza ta'din il-Qorti tas-16 ta'Novembru, 1995. Mhux hekk biss, imma ghal kull buon fini, jigi rilevat li fil-fatt, eventwalment, dan l-akkuzat eccipjent Spiteri, kif ukoll l-akkuzat eccipjent Polidano <u>**qatt**</u> ma appellaw minn dik is-sentenza msemmija.

<u>Ghalhekk l-akkuzat Spiteri huwa zbaljat f'din l-ewwel (1) eccezzjoni tieghu kemm legalment kif ukoll fattwalment, u ghal din ir-raguni din l-eccezzjoni tieghu hija michuda</u>.

<u>Dwar it-tieni (2) eccezzjoni ta' l-akkuzat Spiteri</u>, fis-sens li, skond hu, l-Ewwel Kap il-gdid huwa null stante li kien gie prezentat barra mit-terminu preskritt fl-Artikolu 432 tal-Kodici Kriminali, din l-eccezzjoni, sostanzjalment, hija l-istess eccezzjoni numerata (1) ta' l-akkuzat Polidano, u dan kif jirrizulta mit-trattazzjoni verbali li ghamlu l-avukati difensuri ta' dawn l-akkuzati. Ghalhekk il-Qorti ser tikkunsidra dawn iz-zewg eccezzjonijiet flimkien. Jinghad biss li din hija l-ahhar eccezzjoni ta' l-akkuzat eccipjent Polidano u ghalhekk wara li il-Qorti tkun iddecidiet fuq din l-ewwel eccezzjoni tieghu, dak li hu qal fin-nota ta' l-

eccezzjonijiet tieghu ta' l-4 ta'Dicembru, 1995, ikun gie ezawrit, u jkun baqa' biss xi eccezzjonijiet ohra ta' l-akkuzat eccipjent l-iehor Spiteri.

Ikkunsidrat fuq din l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-Ewwel Kap il-gdid, cioe', ghaliex gie prezentat barra mit-terminu preskritt, li l-eccipjenti Spiteri u Polidano qedin jibbazaw din l-allegazzjoni taghhom fuq dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 432 tal-Kap. 9, li jghid hekk :
" L-Avukat Generali ghandu z-zmien ta'xahar biex jipprezenta l-Att ta' l-Akkuza, illi jibda jghodd minn dak in-nhar li jircevi l-atti msemmijin fl-ahhar Artikolu qabel dan (i.e. l-atti kumpilatorji)."

Skond l-eccipjenti Spiteri u Polidano, gja' la darba din il-Qorti kienet iddikjarat null l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza taghha, kif originarjament prezentat entro t-termini msemmija fl-Artikolu 432 tal-Kap. 9, allura l-procedura li kellu jsegwi l-Avukat Generali ma kienetx dik li jipprezenta hawnhekk Kap kompletament gdid li ma kienx xi wiehed korrettorju li kien qed jikkorregi xi Kap difettuz. Skond dawn l-eccipjenti, gja' la darba din il-Qorti kienet ordnat li l-akkuzati jitpoggew fl-istess stat li kienu qabel il-prezentata ta' l-imsemmi Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u dan minhabba difett f'dak il-Kap li gab in-nullita' tieghu anke 'ex officio', allura l-Avukat Generali kellu jipprocedi biss skond l-Artikolu 434 tal-Kap. 9, fejn hemm kontemplat li procedura mill-gdid tinbeda mill-Avukat Generali regolarment quddiem il-Qorti tal-Kumpilazzjoni. Skond l-eccipjenti, dikjarazzjoni tan-nullita' ta' dak il-Kap u ordni ta'din il-Qorti li l-akkuzati jitqeghdu fl-istat li kienu qabel il-prezentata ta' dak il-Kap, effettivament ifissru jew ghandhom l-istess effett li dwar dak l-Ewwel Kap l-akkuzati kienu inhelsu mill-arrest u ghalhekk kellha tibda procedura gdida, u din tista' issir biss quddiem il-Qorti Istruttorja ai termini ta' dak li hemm dispost fl-Artikolu 434 tal-Kap. 9.

Izda anke hawnhekk il-Qorti ma taqbilx ma' din l-argumentazzjoni. L-ewwel nett, l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 434 tal-Kap. 9 hija soggetta ghall-zewg kundizzjonijiet, cioe', jew (1) li l-akkuzat irid ikun gie liberat minhabba li ma jkunx gieipprezentata l-Att ta' l-Akkuza, jew (2) kull meta jinqalghu xi 'provi godda', cioe', dawk il-provi li fiz-zmien tal-liberazzjoni ta' l-akkuzat, ma kienux jezistu, jew ma kienx jaf bihom min kellu l-ezercizzju ta' l-azzjoni kriminali.

Dwar it-tieni kundizzjoni, dik tal-'provi godda', il-Qorti tara li hawnhekk dan mhux il-kaz. Fil-prezentata mill-gdid ta' l-Ewwel Kap, u minn dak li qalghet din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta'Novembru, 1995, ma hemm xejn x'juri jew x'jindika li hemm xi kwistjoni ta' dawn il-'provi godda' kif imfissra f'dan l-Artikolu 434 tal-Kap. 9. Anke kieku stess kienet xi kwistjoni ta'provi godda, din mhiex materja li tidhol biex tezamina din il-Qorti.

Fil-fatt, ghalhekk, l-eccipjenti qed jillimitaw din l-eccezzjoni taghhom fuq l-ewwel parti ta' dan l-Artikolu 434, cioe', meta tavvera ruha l-kundizzjoni li *"l-akkuzat ikun gie liberat minhabba li ma jkunx gie prezentat l-Att ta' l-Akkuza."* Skond l-eccipjenti, il-Kap il-gdid ma

kienx gie prezentat fit-terminu stabbilit mil-ligi fl-Artikolu 432 tal-Kap. 9, u ghalhekk huwa null, u dan necessarjament ifisser li allura huma ghandhom jigu kunsiderati liberati jew mehlusa mill-arrest taht dak l-Ewwel Kap originali, gja' la darba l-Qorti kienet iddikjaratu null u ordnat li l-akkuzati jitpoggew fl-istat li kienu qabel il-prezentata ta'dak il-Kap.

Legalment l-eccipjenti huma skorretti anke hawnhekk. Billi l-Ewwel Kap originali kien gie dikjarat null minhabba xi difett jew zball li kien fih, u billi din il-Qorti ordnat li l-akkuzati kollha jitpoggew fl-istat li kienu qabel il-prezentata ta' dak il-Kap, bla ebda mod ma dan ifisser li huma ghandhom ikunu kunsiderati liberati minn dak il-Kap. Din id-dikjarazzjoni tan-nullita' u l-imsemmija ordni ta'din il-Qorti ma ghandhomx l-istess effett ta' ordni ta'liberazzjoni jew li jinhelsu mill-arrest.

Fil-fatt, l-Artikolu 602 tal-Kodici Kriminali jghid testwalment hekk :
" <u>Meta l-Att ta' l-Akkuza ma jigiex prezentat fiz-zmien li jmissu, il-Qorti tista', fuq talba ta' l-imputat, u wara li tisma l-Avukat Generali, tordna li l-imputat jigi liberat. Izda din id-disposizzjoni ma tghoddx jekk fiz-zmien li ssir it-talba msemmija, l-Att ta' l-Akkuza jkun gie prezentat</u>."

Fil-kaz prezenti l-akkuzati Polidano u Spiteri, qed jghidu li dan l-Ewwel Kap il-gdid, li fih innifsu ghandu jigi kunsidrat bhal Att ta'Akkuza, ma giex prezentat fit-terminu li trid il-ligi skond l-Artikolu 432 tal-Kap. 9. Anke kieku kellhom ragun hawnhekk, fis-sens li dan l-Att ma giex prezentat fit-terminu, u allura l-Avukat Generali kellu jibda dik il-procedura mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Kumpilazzjoni, xorta b'daqshekk ma jfissirx li l-fuq imsemmija dikjarazzjoni ta'nullita' u ordni ta'din il-Qorti jammontaw ghall-liberazzjoni ta' l-akkuzati minn l-Ewwel Kap, kif qed jippretendu huma. Se mai, jekk huma riedu li jigu hekk dikjarati liberati, dejjem a bazi tas-sottomissjoni taghhom li dan il-Kap gdid gie prezentata tardivament, allura kellhom jaghmlu talba 'ad hoc' lil din il-Qorti ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 602 tal-Kap. 9, haga li qatt ma ghamlu, u ghalhekk dan il-Kap ma ghandux jigi annullat a bazi ta' din l-argumentazzjoni tal-akkuzati eccipjenti.

L-Artikolu 602 tal-Kap. 9 juri bic-car li qatt ma kien intenzjonat jew previst mill-legislatur illi d-dritt ta' l-Avukat Generali li jipprezenta Att ta'Akkuza qatt setgha jintilef. Ghalhekk, it-tezi ta' l-akkuzati Polidano u Spiteri illi, skond huma, l-konsegwenza tal-prezentata tardiva ta' l-Ewwel Kap il-gdid hija n-nullita' tieghu, b'dan li kollox jieqaf hemm u huma jigu liberati jew mehlusa mill-arrest taht dak il-Kap, hija ghall-kollox infondata kemm fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza nostrana. Fil-fatt fis-sentenza moghtija <u>fl-4 ta'Mejju, 1931, mill-Qorti Kriminali Kolleggjali, fl-ismijiet 'Sua Maesta' il Re –vs- Gelardu Ebejer</u>, <u>et</u>', segwita b'hafna ohrajn li jghidu l-istess, inghad li f'kaz fejn Att ta' Akkuza jigi dikjarat null, l-akkuzat jerga' jitqieghed fl-istess stat li kien qabel il-prezentata ta' dak l-Att. <u>Il-ligi hawnhekk hija kategorika w preciza, u tghid li gja' la darba jigi annullat Att ta'Akkuza, li huwa l-Att fondamentali li bil-prezentata tieghu jibda il-process gudizzjarju</u>

quddiem din il-Qorti Kriminali, u tieqaf kwalunkwe funzjoni da parti tal-Magistrat Istruttorju, f'dak il-kaz l-akkuzat jigi rimess, ossia ghandu mil-gdid jirritorna *biss* fl-istess stat li kien qabel il-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza. Dan ifisser li ma jerghax jinfetah, jew li jerga' jibda, l-ewwel stadju quddiem il-Qorti Istruttorja ghaliex ikun gara dak l-uniku fatt ta' l-annullament ta' dak l-Att ta' Akkuza. L-effett tan-nuqqas tal-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jgibx il-konsegwenza li l-Avukat Generali ikun prekluz ghal dejjem milli jipprezenta l-Att ta' l-Akkuza, izda, l-effett hu li, ai termini ta' l-Artikolu 602 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tkun tista', jekk jidrilha hekk ghal xi ragunijiet li hi thoss li huma gustifikabbli, tordna li l-akkuzat jigi liberat, jigifieri mehlus mill-istat ta' l-arrest, dan dejjem pero' jekk l-ewwel ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu 602 tal-Kap. 9, u, kif ukoll sakemm ma tkunx applikabbli l-proviso ta' dak l-Artikolu. Is-sottomissjoni ta' l-akkuzati eccipjenti ghalhekk li tali nullita' ta' l-Ewwel Kap originali kellha iggib necessarjament il-konsegwenza li jieqaf kollox hemm u jibqa' biss d-dritt tal-Pulizija Esekuttiva li tibda il-proceduri mill-gdid quddiem il-Qorti Istruttorja, hija assolutament infondata kemm fil-ligi u fil-gurisprudenza. Il-konkluzzjoni li tohrog mis-sentenza ta' din il-Qorti meta ddikjarat dak l-Ewwel Kap originali bhala null mhiex dik li l-akkuzati kollha kellhom awtomatikament jinhelsu mill-arrest, izda hi biss li huma jitpoggew fl-istess stat li kienu qabel il-prezentata ta' dak il-Kap, konkluzzjoni din korretta skond il-ligi u skond il-gurisprudenza kostanti, u mhux kif qed jippretendu l-eccipjenti. Dan il-principju ukoll gie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta –vs- Carmelo Muscat', Att ta' Akkuza 3/1995, deciz 17 ta'Gunju, 1996, li segwiet u rreferiet ghal din l-interpretazzjoni kif imfissra fil-kawza gja' msemmija 'Sua Maesta' il Re –vs- Gelardu Ebejer et'.

L-imsemmi appell fl-Att ta'Akkuza 3/1995 ( Ir-Repubblika ta'Malta –vs- Carmelo Muscat ) irrabadixxa ukoll il-principju l-iehor li hareg mis-sentenza ta' l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fit-13 ta'Marzu, 1950, in re : 'Sua Maesta' il Re –vs- M. Bonello', u dik tad-9 ta' Awwissu, 1950, in re: 'Sua Maesta' il Re-vs- M. Mercieca,' fejn gie rilevat li f'kaz li Att ta'Akkuza ma jigiex prezentat fit-terminu stabbilit mill-ligi, il-Qorti mhiex obbligata bilfors li tirrilaxxja lill-akkuzat mill-arrest, anzi f'certi kazijiet fil-fatt ma helsitux. Dan il-principju huwa pacifiku. Il-Qorti tista' biss tordna dan ir-rilaxx jew liberazzjoni, fid-diskrezzjoni taghha, wara li l-akkuzat jaghmel talba ghar-rilaxx tieghu ghaliex l-Att ta' l-Akkuza gie prezentat tardivament, u wara li tkun semghet ukoll lill-Avukat Generali. Multo magis, mela, meta si tratta mhux ta' Att ta'Akkuza shih allegatament prezentat tardivament, izda biss ta'Kap ta'Att ta'Akkuza, formanti parti minnu, u li dan l-Att ta'l-Akkuza, b'Kapi ohra, fih, ikun gja' gie prezentat fit-terminu skond il-ligi, bhal ma hu f'dan il-kaz prezenti. Fil-fatt, l-applikabilita' ta' l-ewwel parti ta' l-imsemmi Artikolu 602 tal-Kap. 9 hija kundizzjonata ghall-proviso li hemm fl-istess Artikolu li jghid li meta, izda, jirrizulta li l-Att ta' l-Akkuza jkun gja' gie prezentat fiz-zmien li ssir din it-talba ghall-liberazzjoni ta' xi akkuzat, id-disposizzjoni imsemmija f'dan l-Artikolu ma tghoddx, cioe', dik id-disposizzjoni li tghid li sabiex akkuzat jista' jigi lliberat mill-

Qorti, meta si tratta ta' Att ta' Akkuza prezentata tardivament, hu l-ewwel ghandu jaghmel talba lill-Qorti ghar-rilaxx jew liberazzjoni tieghu, u l-Qorti tista' tordna dan ir-rilaxx jew liberazzjoni tieghu wara li tkun semghet ukoll lill-Avukat Generali. Fil-kaz prezenti, anke kieku l-akkuzati ghamlu din it-talba, ai termini ta' din id-disposizzjoni fl-ewwel parti ta' dan' l-Artikolu 602 tal-Kap. 9, xorta din id-disposizzjoni ma kienetx tghodd ghalihom ghaliex fil-fatt l-Att ta' l-Akkuza dwar dan il-kaz kien ilu prezentat b'effett mis-7 ta'Marzu, 1995. Del resto, hi din l-istess Qorti li, in bazi tad-dicitura tas-sentenza taghha, weriet bic-car li kienet ragjonevolment tistenna li l-Avukat Generali jipprezenta dan l-Ewwel Kap il-gdid wara li hi kienet iddikjarat null dak originali, u <u>ddifferiet 'sine die' it-trattazzjoni tat-tlett Kapi l-ohra, riappuntabbli malli jigi prezentat mill-gdid l-Ewwel Kap, jew malli tigi prezentata kwalunkwe talba rigwardanti l-Att ta' l-Akkuza</u>. Dan juri li l-Att ta' l-Akkuza, li gie prezentat fis-7 ta'Marzu, 1995, ferm qabel iz-zmien tal-prezentata ta' l-Ewwel Kap gdid (li saret biss fis-16 ta'Novembru, 1995) baqa' salv u is-smigh tieghu thalla 'sine die' sakemm isir dak li qalghet din il-Qorti f'din il-parti kwotata tas-sentenza taghha.

Veru din ma kienetx xi ordni ta' din il-Qorti lill-Avukat Generali biex jipprezenta l-Ewwel Kap mill-gdid, pero' id-dicitura tas-sentenza turi bic-car u tindika li l-Qorti kienet fil-fatt qed tistenna lill-Avukat Generali li jaghmel hekk, jew li ssir xi talba minn xi hadd dwar l-Att ta'Akkuza, u rabtet il-kontinwazzjoni tas-smigh ta'dawn il-proceduri mal-prezentata mill-gdid ta'dan l-Ewwel Kap jew dik it-talba. Fil-fatt avverat ruha l-ewwel sitwazzjoni ghaliex dik in-nhar stess tad-decizjoni taghha fis-16 ta'Novembru, 1995, l-Avukat Generali ipprezenta mill-gdid dan l-Ewwel Kap u ghalhekk il-Qorti kienet libera li tkompli bis-smigh ta'dawn l-proceduri fuq il-Kapi kollha li hemm fl-Att ta' l-Akkuza relattiva, kif fil-fatt ghamlet.

L-azzjoni ta' l-Avukat Generali, meta fis-16 ta'Novembru, 1995 ipprezenta dan l-Ewwel Kap mill-gdid, ghalhekk, kienet effettivament azzjoni tieghu biex isegwi jew jottempera ruhu ma' dak li din il-Qorti ragjonevolment stennietu li jaghmel, dan kif espress minnha specifikatament fl-imsemmija decizjoni taghha tal-istess jum.

<u>Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel eccezzjoni ta' l-akkuzat Spiteri w it-tieni eccezzjoni ta' l-akkuzat Polidano qed jigu michuda</u>. Dan ifisser li l-unici zewg eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat Polidano issa gew decizi u dak kollu li kellu jissolleva in linea ta' eccezzjonijiet ghall-Ewwel Kap gdid issa gie trattat u deciz. Baqa' biss it-tielet (3) u ir-raba (4) eccezzjonijiet ta' l-akkuzat Spiteri ghal dan l-Ewwel Kap il-gdid.

<u>Dwar it-tielet (3) eccezzjoni ta' l-akkuzat Spiteri</u> fejn hu qed jallega li dan l-Ewwel Kap gdid huwa null ghaliex il-procedura li kellha tigi segwita mill-Avukat Generali kienet dik taht l-Artikolu 434 tal-Kap. 9, riferibbilment ghall-procedura li tinbeda mill-gdid quddiem il-Qorti

Istruttorja kull meta jinqalghu ‘provi godda’ kif imfissra f’dan l-Artikolu, jew meta xi akkuzat jigi liberat mill-Qorti Kriminali minhabba il-fatt li l-Att ta’ l-Akkuza ma jkunx gie prezentat fit-terminu, din il-Qorti gja’ esprimiet il-fehma taghha fuq dan il-punt meta ittrattat it-tieni eccezzjoni ta’ dan l-akkuzat Spiteri, li giet michuda, u, ghalhekk, mhux il-kaz li terga’ toqghod tirrepetihom hawnhekk. Dak li qalghet hemm il-Qorti dwar l-applikabilita’ ta’ l-imsemmi Artikolu 434 tal-Kap. 9 jghodd anke hawnhekk ghal dik li hi t-tielet eccezzjoni ta’ l-akkuzat Spiteri, u, ghalhekk, ghall-istess ragunijiet gja’ esposti, anke din it-tielet eccezzjoni tieghu qed tigi respinta.

Jibqa’ biss ir-raba (4) eccezzjoni ta’ l-akkuzat Spiteri, fejn qed jghid li l-Ewwel Kap il-gdid huwa null ai termini ta’ l-Artikolu 449 (d) tal-Kodici Kriminali. Skond dan l-akkuzat, gja’ la darba din il-Qorti bis-sentenza taghha tas-16 ta’Novembru, 1995, gja’ ggudikat li “mill-fatti esposti.............l-espluzjoni li allegatament sehhet ma kienetx intenzjonata minn ebda wiehed mill-akkuzati”, u dik is-sentenza ma gietx appellata mill-Avukat Generali, allura japplika l-principju li akkuzat ma jistghax jerga’ jigi akkuzat bl-istess reat li fuqu kien hemm decizjoni.

L-Artikolu 449 (d) tal-Kap 9, li fuqu qed jibbaza din l-eccezzjoni tieghu l-akkuzat Spiteri, jghid hekk :

“ *L-eccezzjonijiet li gejjin, jigifieri :*

*(d) eccezzjoni ta’gudikat li bih l-akkuzat kien gja’ gie misjub hati jew illiberat jistghu jinghataw biss jekk ikun inghata dwarhom avviz bil-miktub kif* provdut fis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 438......................”

Din l-eccezzjoni ta’ l-akkuzat Spiteri hija legalment infondata ghall-ahhar, jekk mhux addirittura frivola ukoll. Din il-Qorti ma ggudikat xejn fis-sentenza taghha tas-16 ta’Novembru, 1995, fis-sens li hi bla ebda mod ma ddecidiet li dan l-akkuzat Spiteri jigi dikjarat hati jew liberat (kif jiddisponi l-Artikolu 449 {d} ). L-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, kif kien originarjament, kien qed jixli lill-erba akkuzati flimkien bir-reat taht l-Artikolu 311 tal-Kodici Kriminali. Il-parti akkuzatorja f’dak l-Ewwel Kap hija kompletament l-istess bhal ma hi dik fl-Ewwel Kap il-gdid. Il-Qorti ma kienet ghaddiet l-ebda gudizzju fuq din l-akkuza, fis-sens li b’xi mod sabet lil dan l-akkuzat hati taghha jew illiberatu minnha, kif jirrikjedi is-subartikolu (d) ta’ l-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali li fuqu qed jibbaza din l-eccezzjoni tieghu tan-nullita’ ta’ dan l-Ewwel Kap il-gdid. Gudizzju bhal dan jista’ jittiehed biss a bazi tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni u apprezzament ta’ min ghandu eventwalment jiggudika fuq il-fatti, cioe, il-gurati, u certament mhux xi gudizzju li trid tasal ghalih din il-Qorti. L-apprezzament tal-provi, sabiex eventwalment akkuzat jinsab hati jew le, f’xi reat li jkun qed jigi trattat quddiem il-Qorti Kriminali, bhal ma hu dan il-kaz, hu rizervat biss lill-gurati, u ghalhekk, stante li ghadu ma ntlahaqx dan l-istadju f’dawn il-proceduri, u ma hemm l-ebda decizjoni dwar htija jew le, certament , bla ebda mod ma jista’ japplika dan l-Artikolu 449 (d) tal-Kap. 9, kif

qed jippretendi l-akkuzat eccipjent Spiteri. Dan necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li f'dawn il-proceduri, sa l-istadju li waslu fihom sa issa, certament mhux il-kaz li japplika l-principju li xi hadd qed jerga' jigi akkuzat darbtejn bl-istess reat, semplicement ghaliex qatt ma kien hemm xi gudizzju finali jew definttiv dwar xi htija jew liberazzjoni fuq dak ir-reat, li allura, f'dak il-kaz, kienet tkun applikabbli l-eccezzjoni taht l-Artikolu 449 (d) tal-Kap. 9. Dan l-Artikolu 449 (d) tal-Kap. 9 jillimita din l-eccezzjoni preliminari biss ghal kull kaz fejn ikun hemm gudikat finali li bih xi akkuzat ikun gie misjub hati jew illiberat precedentement, u ma jsemmi l-ebda cirkostanza ohra. Certament, ghalhekk, b'dak li ddecidiet il-Qorti meta annullat l-Ewwel Kap originali, zgur ma kienx hemm gudikat fil-konfront ta' l-akkuzat Spiteri li bih hu kien gie misjub hati jew illiberat fuq dak il-Kap. Hu f'dan is-sens ghalhekk li din l-eccezzjoni hija wahda legalment insostenibbli, jekk mhux ukoll frivola, ghaliex assolutament ma ghandha l-ebda rilevanza ghall-kwistjoni fil-meritu odjerna.

Hu rilevanti li jinghad f'dan ir-rigward li mhux talli ma kien hemm l-ebda gudikat fejn dan l-akkuzat Spiteri kien gie misjub hati jew illiberat minn dan l-Ewwel Kap originali, izda l-istadju li ghadhom fih dawn il-proceduri ghadu biss l-istadju ta' allegazzjonijiet ta'fatti u ksur ta'ligi. Lanqas l-istadju tas-smigh tal-provi ma ghadna wasalna ghalih. U allura kif qatt jista' dan l-akkuzat eccipjent jghid li kien hemm xi decizjoni definittiva minn din il-Qorti li biha hu gie misjub hati jew illiberat, kif tirrikjedi l-eccezzjoni preliminari taht l-Artikolu 449 (d) tal-Kap. 9 ??

Bhala punt ta' importanza, il-Qorti temmen li ghandha tirrileva li dak li effettivament gara fis-16 ta'Novembru, 1995, kien biss rizultat ta'dak li din il-Qorti ikkunsidrat, cioe', li xi fatti kif originarjament esposti fl-Ewwel Kap, dak antik u dikjarat null minnha, fil-parti espositiva tieghu, kienu daqxejn lakonici u skarsi, u il-Qorti hasset li certament setghu jinghataw aktar dettalji dwar dawk il-fatti sabiex jirrifflettu sewwa ir-reat taht l-Artikolu 311 tal-Kap.9 li hemm fil-parti akkuzatorja ta' dak l-istess Kap. Kien propju ghalhekk li dak l-Ewwel Kap kien gie dikjarat null u li l-Qorti stenniet li dak il-Kap jigi sostitwiet b'wiehed gdid, kif fil-fatt sar.

Pero', bhal ma xi fatti esposti kienu evidentement skarsi kif inghad, daqstant iehor kien evidenti li dak l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ma kien ihalli l-ebda dubju dwar x'akkuza kienet qed tingieb fil-konfront ta' l-akkuzati, dan kif jidher fil-parti akkuzatorja, kif intqal. Fil-fatt ir-reat imsemmi f'din il-parti akkuzatorja, kemm fl-Ewwel Kap dikjarat null, kif ukoll f'dak gdid, baqa' l-istess u ma inbidel assolutament xejn. Dak li ghamlet din il-Qorti fis-16 ta'Novembru, 1995 kien semplicement li rrikonoxxiet li certi fatti u dettalji fil-parti espositiva ta' l-Ewwel Kap kellhom jigu redatti xi ftit jew wisq b'mod aktar dettaljat, u certament, l-ahjar mod kif kellha tigi deskritta ahjar din il-parti espositiva huwa l-mod kif dak l-Ewwel Kap effettivament gie redatt mill-gdid wara li dak originali kien gie dikjarat null. Li hu importanti hu li fiz-zewg istanzi, l-akkuza dejjem baqghet l-istess u bhala rizultat ta' dan l-Ewwel Kap il-gdid bla ebda mod l-akkuzati ma sabu ruhom f'xi posizzjoni aktar

gravuza minn dik li originarjament kienu qabel ma l-Ewwel Kap kien gie annullat. Kien propju ghalhekk li din il-Qorti, fid-decizjoni taghha tas-16 ta'Novembru, 1995, ordnat li l-akkuzati kollha jitpoggew fl-istess stat li kienu qabel il-prezentata ta' l-Ewwel Kap, u fil-fatt ma sar xejn li gabilhom dik il-posizzjoni aktar gravuza milli kienet qabel. Ir-reat baqa' l-istess u ma kien hemm qatt xi talba ghal xi piena li kienet aktar gravuza minn dik li originarjament kien hemm indikat fil-Kap annullat.

Il-Qorti terga' ittenni l-konvinzjoni taghha li bid-difetti kollha li l-Ewwel Kap originali kien ipprezenta f'dik li hi id-deskrizzjoni ta' xi fatti, certament kien il-kaz li jkun hemm ir-rimedju li fil-fatt ghogobha tiddikjara u ghalhekk, ragjonevolment stenniet li jigi prezentat dan l-Ewwel Kap mill-gdid. Hu propju ghalhekk li dan ir-rimedju sar, cioe' bis-sostituzzjoni ta' l-Ewwel Kap dikjarat null b'iehor gdid, liema rimedju bla ebda mod ma jwassal ghan-nullita' ta' dan il-Kap il-gdid, specjalment ghaliex ma ddahhal l-ebda reat jew piena fil-Kap il-gdid li ma kienx fil-Kap originali, jew li pogga lill-akkuzati f'xi posizzjoni aktar gravuza minn dik li originarjament kienu fiha, kemm bhala reat u kemm bhala piena. Kif gja' intqal, kien hemm biss xi bdil fil-parti espositțiva ta' dan il-Kap biex xi fatti jigu deskritti aktar dettaljatament biex jirriflettu ahjar ir-reat dedott fil-parti akkuzatorja, li baqa' dejjem l-istess wiehed.

Dan kollu jfisser, ghalhekk, li, tenut kont ta' l-Ewwel Kap kif originarjament prezentat mill-Avukat Generali, id-difetti kollha illi gew rilevati fih mill-akkuzati, u li semmiet ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta'Novembru, 1995, taht ebda cirkostanza ma setghu dawn jwasslu biex jista' jinghad illi kienu tali li jeskludu l-possibilita' ta' korrezzjoni ta'dak il-Kap, jew tas-sostituzzjoni tieghu b'iehor gdid, biex b'hekk l-iter tal-gustizzja kien sejjer ikun servut ahjar u bla ebda mod imfixkel. Mis-sentenza moghtija mill-<u>Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta'Malta –vs- Carmelo Muscat, Att ta'Akkuza 3/1995 deciza fis-17 ta'Gunju, 1996</u>, gja' imsemmija qabel, hemm spjegat dak li tipprovdi l-ligi meta jigi dikjarat null Att ta'Akkuza '<u>in parte</u>' jew '<u>in toto</u>'. Bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta'Novembru, 1995, il-Kap ta' Akkuza relattiv ghal dan il-kaz gie dikjarat null '<u>in parte</u>', billi kien gie dikjarat null l-Ewwel Kap biss tieghu. Minn l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kif ukoll mid-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli, huwa ovvju illi dak li ghamlet din il-Qorti huwa perfettament regolari, anzi jirrifletti tajjeb hafna dak li l-ligi stess tintendi. In fatti, wahda mill-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni ta'nullita' hija propju illi akkuzat jitpogga fl-istess stat li kien qabel il-prezentata tal-Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u li l-Avukat Generali, bhala l-prosekutur pubbliku, jibqghalu d-dritt li jirregola ruhu, u dan bil-mod kif din il-Qorti ikkonkludiet is-sentenza taghha. Jizdied jinghad ukoll illi l-principju illi dak li hu null m'ghandu jkollu ebda effett fil-ligi fil-kazijiet bhal dan odjern kif ukoll f'kazijiet ohra fejn, per ezempju, ikun hemm difett fl-atti tal-kumpilazzjoni, il-ligi evidentement riedet targinah, in ossekwju ghall-principju li n-nullita' u l-effetti radikali ghandhom jigu limitati kemm jista' jkun u dan sabiex il-process gudizzjarju jiehu l-kors tieghu.

Fl-ahhar nett ghandu jigi rilevat li jezisti l-Artikolu 599 tal-Kodici Kriminali li qed jissemma biss in kwantu huwa ndikattiv tal-poteri vasti li ghandha din il-Qorti ghal dak li hu r-rimedju fl-Att ta'Akkuza minhabba li jkun fih xi zbalji jew difetti, u dan sabiex tigi senjalata l-intenzjoni u volonta' tal-legislatur illi, kemm hu possibbli, il-kors tal-gustizzja ma jigix intralcjat minn ostakoli procedurali u fl-istess hin tissalvagwarda d-dritt ta' l-akkuzat illi ma jigiex processat fuq akkuzi ohra li ma kienux originarjament kontemplati fl-Att ta' Akkuza.

Din il-Qorti sejra tispicca dan id-digriet taghha billi tirreferi ghall-principju generali li jirrigwarda din il-kwistjoni ta'korrezzjoni jew bdil ta'Kap ta'Akkuza u dan kif imfisser fis-subartikolu (1) ta' fl-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, segwit bis-subartikolu (2) tieghu, li testwalment jghid hekk :
" _Il-Qorti tista', sew 'ex officio', kemm ukoll fuq eccezzjoni ta' l-akkuzat, tordna l-korrezzjoni ta' l-Att ta' l-Akkuza, basta li dan isir qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le ; izda ebda haga ma ghandha tizdied fl-Att ta'l-Akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi ir-reat_."

Is-subartikolu (2) ta' dan l-istess Artikolu 597 tal-Kap. 9 ikompli jghid illi :
" _Dan l-ordni jista' jinghata ukoll fuq talba ta' l-Avukat Generali kull meta jkun hemm zball jew difett fl-Att ta' l-Akkuza, u, ukoll, meta minhabba dan l-izball jew difett, l-akkuzat ikun ta l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-Att ta' l-Akkuza, jew il-Qorti 'ex officio' tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullita' ta' l-Att ta' l-Akkuza_."

In sintesi, dawn iz-zewg subartikoli ta' l-Artikolu 597 tal-Kap 9, mela, ifissru li fl-ewwel lok id-decizjoni tal-Qorti fejn tordna il-korrezzjoni jew annullament ta' Att ta'Akkuza, 'in parte' jew 'in toto', u dan fuq eccezzjoni ta' l-akkuzat kif ukoll jekk tkun l-istess Qorti li 'ex officio' tqanqal din il-kwistjoni tan-nullita' ta' l-Att ta' l-Akkuza minhabba zball jew difett fih, huwa soggettat ghall-fatt li dan kollu jsir kemm il-darba l-akkuzat ikun ghadu ma wegiebx ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le ghall-akkuza jew akkuzi, u dejjem bil-kundizzjoni li ordni ta'annullament ta' Att ta'Akkuza shih jew in parte, u il-konsegwenti bdil tieghu jew ta' dik il-parti annullata, ma tpoggiex lill-akkuzat fi stat aktar gravi milli kien qabel, u dan kif gja' gie rilevat qabel. Li gara fil-kaz prezenti kien annullament 'in parte' ta' l-Att ta'l-Akkuza u r-rimedju kien li l-Avukat Generali jipprezenta Kap gdid in sostituzzjoni, li effettivament meta wiehed ihares lejn it-totalita' ta' l-Att ta' l-Akkuza fl-assjem tieghu, din is-sostituzzjoni ta'Kap wiehed b'iehor ma jfisser xejn aktar jew xejn anqas milli dak l-Att ta' l-Akkuza shih effettivament kien gie semplicement koreggut. Essenzjalment, ghalhekk, dak li ghamel l-Avukat Generali meta dahhal dan l-Ewwel Kap il-gdid, wara li dak originali gie dikjarat null u l-akkuzati tpoggew fl-istess stat li kienu qabel il-presentata ta'dak il-Kap, kien li hu b'dak ir-rimedju kien

> qieghed fil-fatt jikkoregi dan l-Att ta' l-Akkuza. Kienet fil-veru sens tal-kelma korrezzjoni ta' l-Att ta' l-Akkuza, haga li hija ammessa mill-ligi u li ssir hafna drabi u hija ferm komuni. Hu f'dan is-sens illi kull korrezzjoni li setghet issir, purche' ma taghmilx ir-reat aktar gravi b'dan li l-akkuzati jigu rinfaccjati b'xi sitwazzjoni aktar gravuza minn dik li kienu fiha qabel il-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza, kienet wahda opportuna fic-cirkostanzi. <u>Ghalhekk anke din l-eccezzjoni numerata (4) hija ukoll respinta</u>.
>
> Ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, ghalhekk, din il-Qorti qedha tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-akkuzati John Polidano u Vincent sive Censu Spiteri fin-Nota taghhom ta' l-4 u l-14 ta'Dicembru, 1995, rispettivament, u tordna il-prosegwiment ta' dawn il-proceduri skond il-ligi."

L-appellant Vincent sive Censu Spiteri prezenta rikors tal-appell tieghu fis-27 ta' Settembru 1999, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din cahditlu t-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet minnu sollevati bin-nota tal-14 ta' Dicembru 1995 u konsegwentement tiddikjara null l-ewwel kap tal-att tal-akkuza prezentat mill-gdid mill-Avukat Generali bin-nota tieghu tas-16 ta' Novembru 1995 ;

L-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment riproduzzjoni tas-sottomissjonijiet li huwa ghamel fil-prim'istanza in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu u li gew michuda mill-ewwel Qorti u ma jidhirx illi fil-kors tal-esposizzjoni tal-aggravju tal-appell huwa qed jissottometti ragunijiet godda jew konsiderazzjonijiet ulterjuri jew inkella qed jamplifika fuq is-sottomissjonijiet originali tieghu. Dana bilfors irid jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti 'il ghaliex in effetti quddiemha m'ghandhiex sottomissjonijiet differenti minn dawk illi saru fil-prim'istanza.

Fi kwalunkwe kaz pero' din il-Qorti tara illi huwa opportun li tikkummenta fuq xi whud mill-punti sollevati mill-appellant in sostenn tal-aggravju tieghu ghalkemm mhix ser izzid wisq fuq dak illi hemm fis-sentenza appellata li hi tikkonsidra ineccepibbli f'kull rigward.

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti illi una volta minhabba zball tieghu, l-Avukat Generali jkollu Kap mill-Aatt tal-Aakkuza ddikjarat null allura m'ghandux rimedju. Dak il-Kap una volta dikjarat null ma jistax jigi sostitwit. Huwa jilmenta illi jekk dawn il-Qrati jaccettaw illi jista' jigi sostitwit kap gdid fl-Att tal-Akkuza biex jaghmel tajjeb ghal dak dikjarat null dan ifisser illi l-eccezzjoni tad-difiza tkun qed isservi bhala strument biex tiftah ghajnejn l-Avukat Generali u tghinu jikkoregi l-izbalji tieghu u mhux biex iservi ta' difiza effikaci tal-imputat kif prevvist mil-ligi. Infatti l-ammissibilita' tal-prezentata mill-gdid tal-Kap annullat tkun qed taghti spunt lill-akkuzat biex fil-futur, hu u ohrajn bhalu ma jissollevawx eccezzjonijiet simili almenu qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le, fejn allura, lanqas korrezzjonijiet tal-Att tal-Akkuza ma jkunu permessibbli. Huwa jaghmel riferenza ghal decizjoni ta' din il-Qorti "Ir-Repubblika ta' Malta vs Dottor. Lawrence Pullicino" moghtija fis-7 ta' Frar 1991, fejn din il-Qorti kienet annullat ir-raba', l-hames u

s-sitt kapi tal-akkuza u l-Avukat Generali ma regax introduca kapi in sostituzzjoni ghalihom.

In effetti malajr wiehed jinduna li dawn mhumiex sottomissjonijiet li m'ghandhomx valur legali u dan ghal ragunijiet semplici. Il-fatt li f'kaz iehor, wara illi Kap tal-Att tal-Akkuza gew dikjarati nulli l-Avukat Generali ma ssostitwihomx b'Kapi ohra ma jfisser xejn. Infatti, minn ezami tal-kaz li ghalih ghadha kemm saret riferenza, din il-Qorti ma tarax illi setghet b'xi mod tapplikah ghal dan il-kaz, ghaliex ic-cirkostanzi li abbazi taghhom id-diversi Kapi tal-Att tal-Akkuza gew annullati kien kompletament differenti. Kwantu ghas-sottomissjoni illi l-eccezzjoni tan-nullita' ta' xi Kap tal-Att tal-Akkuza tista' tiftah ghajnejn il-prosekuzzjoni, din hija kwistjoni jew aspett li din il-Qorti mhix pronta tidhol fihom ; dawk jarawhom il-partijiet. Hu x'inhu assolutament mhix korretta s-sottomissjoni illi hemm xi haga fil-ligi li tipprojbixxi jew li tipprekludi lill-Avukat Generali milli jissostitwixxi Kap fl-Att tal-Akkuza meta jkun ghadu fi stadju li jista' jaghmel dan.

Is-sottomissjonijiet l-ohra tal-appellant li hu ma kellux "provi godda" fuq x'hiex jista' jibbaza l-Kap il-gdid skond id-dispost tal-artikolu 434 tal-Kap. 9 u li bil-prezentata tal-Kap sostituttiv dana jigi jfisser illi l-Att tal-Akkuza gie prezentat barra mit-terminu previst fl-artikolu 432 tal-Kap. 9 u bi ksur tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 434 tal-istess Kap. 9, din il-Qorti assolutament m'ghandhiex xi zzid ma' dak illi hemm fis-sentenza appellata. Dawn iz-zewg oggezzjonijiet da parti tal-appellant gew konsidrati u decizi tajjeb hafna mill-ewwel Qorti u jkun ezercizzju kompletament utili illi din il-Qorti tidhol f'aktar dettal.

Imbaghad l-appellant ghandu sottomissjoni ohra fejn jikkritika l-konkluzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti illi fehmet is-sentenza moghtija minn din il-Qorti li kienet indikattiva li l-Avukat Generali kien mistenni li jipprezenta Kap gdid tal-Att tal-Akkuza. Anke hawnhekk din il-Qorti m'ghandhiex xi zzid fuq dak illi hemm fis-sentenza appellata. Fil-fatt din hija sottomissjoni pjuttost frivola u vessatorja u ma tarax illi huwa l-kaz illi taghtiha aktar attenzjoni.

In succint u in konkluzjoni, ghalhekk, din il-Qorti taqbel kompletament ma' dak illi hemm fis-sentenza appellata, taghmel taghha l-istess ragjonamenti u ghalhekk ghall-istess ragunijiet tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mg